MTARFA

**IL-ĦAMES LEĠISTLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 4 – IL-ĠIMGĦA 11 Ta' SETTEMBRU 2009**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fis-8.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| | Antoine Vella | Kunsillier |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| | Hector Cassola | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-minuti tat-tielet laqgħa tal-Kunsill ġew meħuda bħala moqrija.
Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni .
Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku.

## 2. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

L-Aġent Segretarju ppreżenta lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Awwissu li tlaħħaq l-ammont ta' € 37,996.32
Pagament numru 37 gie ikkanċelat peress li kien imniżżel darbtejn.
Pagament numru 20 gie sospiz sakemm il-perit li għamel ix-xogħol tal- *water culvert* jigi verifikat, mill-Kunsill li dan ix-xogħol sar tajjeb.
Għanda tinkiteb ittra lil kuntrattur biex jiverifika ix-xogħol peress li l-ilma kien għadu qed jinżamm madwar il- *culvert.*
Pagament numru 60/61 dwar knis: ġie innotat li l-kuntrattur żied l-ammont b'€10.00 mix- xhar ta' Lulju għal Settembru mingħajr raġuni. Il-Kunsill għandu jikteb lil kuntrattur biex jiġustifika din iż-żieda.

Il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Awwissu ġiet approvata.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsill għandu joħroġ kwotazzjoni sabiex tissewwa katusa fir-residenza tas- Sur Carmel Borġ peress li ~~din kien ġrala ħsara bi pressa ta'dranaġġ mit-triq principali~~. Għalhekk il-kunsill qabel li ~~jsewwi il-katusa~~.

3.2 Fi Triq Dar il-Kaptan qed jidħol l-ilma fil-basement tar-resident Dr Schembri. Dan l-ilma dieħel mil-*culvert* ta' triq Temi Żammit, ~~u sar qbil biex issir spezjoni u tiġi stabilita minfejn ġejja l-ħsara~~.

3.3 Kien hemm diskussjoni dwar Binja Qlejjgħa u dwar korrispondenza tar-residenti li kienu batu il-Kunsill. Il-problema hi dwar id-dawl u il-meters li jinsabu f'din il-binja. L-Enġinier tal-Kunsill, l- *electrician,* is-segretarju, il-Vici Sindku u s-Sindku għamlu spezzjoni madwar il-binja, fejn instabet ħafna ħsara fil-kaxxi ta' l-eletriku, inkluzi dawk ta' l-enemalta. Fost il-ħsarat kien hemm wires mikxufa, bozoz imkissra fil-passaġġi ta'madwar il-binja, kaxxi ta'l-eletriku imsadda, u lampi miksura. Kien hemm ukoll *meters* tad-dawl li għad iridu jiġu klassifikati u min hu responsabbli għalihom. Għal dan kollu l-inġinier tal-Kunsill għandu iħejji rapport, liema rapport għandu jintbagħat lil Enemalta sabiex tiġi rranġata u organiżżata il-problema tad-dawl.

3.4 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza li hu ircieva dwar il-Ġemellaġġ bejn il-Kunsill ta'l-Imtarfa u dak ta' Arvidsjaur ġo li Svezja. Ġew assenjati mil-Unjoni Ewropeja fondi ta €15,000.00, sabiex jingħata bidu għal dan il-ġemellaġġ. Dawn il-fondi għandhom jintużaw għal visita f'Malta mid-delegazzjoni Svediża, sabiex jiġu Malta, għall-aktar taħdidiet u korporazjoni. Fost id-delegazjoni ser ikun hemm 38 żagħżugh u 25 adulti. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser iħejji programm għal din l-okkażjoni ġewwa l-Mtarfa, u ir-residenti għandhom jiġu infurmati permezz ta'ittra jekk ikollhomx il-pjacir li jospitaw ġewwa id-dar tagħhom parti min din id-delegazzjoni, bla ħlas iżda bi ftehim reċiproku, li l-istess familja tiġi ospitata ġewwa l-Isvezja fuq bazi ta'*exchange visit.* Il-Kunsill approva din il-proposta.

Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono talab biex jinħoloq sotto-kumitat ko-ordinattiv sabiex jieħu ħsieb id-delegazzjoni u torganizza l-affarijiet. Il-Kunsill qabel.

3.5 *Energy saving scheme*: Il-Kunsill applika għal din l-iskema u ġew approvati l-fondi.

3.6 Memo 47 Premju Lokalita Indafa: Il-kunsill applika għal din l-iskema ukoll li tikkonsisti li partijiet tal-lokalita jidħlu għall-kompetizjoni ta'indafa.
Il-parti li tinteressa lil Kunsill hija mgħarfa bħala il-bosk fejn il-kunsill qabel li jġib tlett kwotazzjonijiet għat-tindif tal-Bosk, minkejja li dan kien diġa inkluż fit-tender tas-*soft areas*. Kien hemm suġġeriment biex is-Sur Vince Farrugia mid-dipartiment ta'l-agrikoltura jagħmel spezzjoni fil-bosk biex jiġu miżbura is-siġar. Il-Kunsill qabel dwar dan.

3.7 Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono qal li għanda isir laqgħa għal dawk il-persuni illitterati fil-lokalita'li jammontaw għall-119, sabiex jidħlu għal kors li ser jibda f'Novembru 2009 u is-suġetti huma Ingliz, Malti u Fizika. Il-Kunsill qabel.

3.8 L-Aġent Segretarju presenta pjanta min għand il-Perit Robert Musumeci fejn saru xi emendi għal proġett tal-bandli, iżda il-permess tal-mepa għad irid jinħareġ.

3.9 Is-Sindku ressaq ittra dwar deċiżjoni mill- kumitat konġunt fejn jingħad li meta il-Kunsill joħroġ irċevuti li jintbagħtu bil-posta, il-kumitat konġunt ser iħallas spejjez ta'pustaġġ, envelope u karta. It-talba għal ħlas ta' dawn l-ispejjeż għanda issir fuq formula speċjali li ntbagħtet mil-istess Kumitat konġunt.

3.10 Ittra mil- Kap ta'l-iskola sekondarja sabiex il-kunsill jipprovdi mera tat-traffiku u skip. Il-Kunsill qabel ukoll li jħallas l- ammont ta' €75 minflok €150 għan-nom ta' *Drama School* għal-sesjonijiet ta'drama, li ser isiru mit-22 sa 26 ta'Settembru.

3.11Dwar ittra min għand iċ-*Chairman* tal-Kunsill Malti għall-isport, il-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni li jingħata *mini pitch* lil Mtarfa *Football Club,* li jikkonforma ma'l-istandards ta'l-*UEFA*.

3.12 Devoluzzjoni: L-Aġent Segretarju Eżekutiv qal li qed jimtlew formoli sabiex isir id-devoluzzjoni ta'propjeta mgħarufa bħala is-*sister quarters* fi Triq l-Anzjani l-Mtarfa u li għanda tgħaddi f'idejn il-Kunsill sabiex jagħmlu użu minna il- *Malta Red Cross.* Skond ftehim preliminarja, ir-*Red Cross* qiegħda titlob biex tuża din il-propjeta' għal zewġt ambulanzi, erba' vetturi għas-salvataġġ, vettura oħra, van għal użu logistiku u *Hi – Visibility Quad bike,* għal użu fil-lokalita u operazzjoni attwali ta'taħrig

ta'sigurta' li minnhom jibbenifikaw ir-residenti Kolla. Meta tiġi approvata id-devoluzzjoni ta'din il-propjeta lil Kunsill isir ftehim mal-Malta Red Cross fuq bażi ta'proposti min għandhom, sabiex din ta' l-aħħar tkun tista'topera mil bażi ta'l-Mtarfa. Il-Kunsill jaqbel fil-prinċipju li r-*Red Cross* għanda topera mill-Imtarfa.

4. **Risposta tal- *Management Letter***

L-Aġent Segretarju Eżekutiv preżenta risposta tal-*Management letter* bħala tweġiba wara diskussjoni dwarha fil-Kunsill. Il-Kunsill approva il-kontenut u ser tintbagħat lil awditur ġenerali.

5. **Laqgħa mal-Future Focus fuq '*Military Day Mtarfa*'**

Fost il-korrispondenza l-Aġent segretarju eżkuttiv ipreżenta minuti li saru waqt laqgħa bejn is-Sur John Galea tal- *Future Focus*, is-Sindku, il-kunsillier Anatole Serri Diacono u l-Aġent Segratarju Hector Cassola. Dawn il-minuti huma mehmuza mal-minuti tal-kunsill, ~~iżda ir-rikomandazzjonijiet ta' dawn il-minuti għad ma ġewx approvati mil-Kunsill~~. L-iskop tal-laqgħa mal- *Future Focus* kien li jintlew il-formoli mis-Sur John Galea sabiex isir l-applikazzjoni biex terġa tittella din l-attivita' Military Mtarfa fl-2010. Dwar dan il-punt il-Kunsillier Antoine Vella oġġezzjona għal fatt li l-laqgħa li saret mal-*Future Focus* maret *oltre* l-iskop tagħha; dan ifisser li:
Ġew diskussi affarijiet oħra iżjed milli suppost meta dan ma kienx il-ftehim skond il-minuti tal-laqgħa preċedenti, fejn hemm indikat li l-laqgħa mal- *Future Focus* kella isir biex jimtlew il-formoli għal-applikazzjoni tal-Military Mtarfa.

Il-Kunsillier Antoine Vella sostna li ma kellu jigi diskuss xejn iżjed ħlief il- mili tal-formoli mal-*Future Focus*. Huwa staqsa kif jista jkun il-*Future Focus* jingħata il-karigu biex itella l-attivita'Military Mtarfa huma stess, meta hemm il-MEUSAC tagħti dan is-servizz b'xejn u il-kunsill kien jifranka €1,000.00, li qed jintalbu mil-*Future Focus* għall-istess servizz. Is-sindku wieġeb li l-ammont ta €1,000.00 li kien qed jitlob il-*Future Focus*, isarraf f'inqas minn Lm500.00 (Liri Maltin), u b'hekk setgħet tinħareg *direct order* bil-kunsens tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil f'laqgħat preċedenti.

Item oħra li giet diskussa u ma kinitx fuq l-aġenda ta'din il-laqgħa hija il-ħatra ta'Paul Gatt bħala ko-ordinatur tal-Military Mtarfa mingħajr l-approvazzjoni ta'dan il-Kunsill. Il-Kunsillier Antoine Vella kompla jgħid

kif jista dan il-kunsill jerġa' jaħtar lil Paul Gatt ko-ordinatur meta skond ittra mid-dipartiment tal-Kunsilli Lokali, dan għadu ma isostanzjax il-kriterji miktuba dwar irċevuta li tammonta għall-€ 850.00, u kellu jħallas lura l-ammont ta' € 67.00 f'bonus doppju li tħallas lilu mil Kunsill u din ir-rifuzjoni għada ma tħallsitx lura. Kif il-kunsill jista' jaċetta rikmandazzjonijiet fil-laqgħa mal-*Future Focus* li Paul Gatt jerġa jkun ko-ordinatur tal-Military Mtarfa qabel ma jirregolarizza il-pożizzjoni tiegħu f'dan ir-rigward.

Is-sindku wieġeb li Paul Gatt kien bagħat irċevuta fiskali ta' € 850.00, għall-servizzi li kien ta lil Kunsill b'suċċess. Din l-irċevuta kienet legali u barra min hekk kien hemm l-approvazzjoni tal-Kunsill b'vot li kien ittiehed biex isir il-ħlas lilu. Il-każ ta'Paul Gatt huwa magħluq u ġie eżawrit. Is-Sindku żied jgħid li kull min kien interessat u kapaċi jorganiżża attivita bħal din jista jieħu sehem u jipparteċipa,

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qassam formuli lil kunsilliera dwar l-assigurazzjoni medika li huma kellom mal-assocjazzjoni tal-kunsilli Lokali.

## 6. Tenders

*Soft Areas*: Il-Kunsill qabel li qabel issir *Adjudication* u evalwazzjoni ta'dawn it-*tenders* li ġew sottomessi. Għanda tinkiteb ittra lil kull wieħed mit-*Tenderors* sabiex il-kunsill jikklarifika xi punti qabel ma jiddeċiedi dwar din it-tender.

*Insurance Coverage*: Inġabru t-tenders mil-Agent Segretarju Eżekuttiv u wieħed mil-Kunsilliera. Waqt il-laqgħa tniżżlu d-dettalji u l-offerti ta'erba' *tenders* li ġew sottomessi. Ma dawn il-minuti qed tigi annessa lista ta'*tenders*. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' sabiex jevalwa dawn l-offerti jieħu deċiżjoni dwarhom.

## 7. Ingaġġar ta'skrivana mal-Kunsill

Wara li saru l-intervisti skond il-proċedura mitluba, il-Kunsill għażel lis-Sinjura Angie Nastri biex tieħu din il-kariga. Ġie spjegat lilha il-kwalita' ta'xogħol mistenni u l-kundizzjonijiet. Hija tinsab fil-pożizzjoni ta'Grad 15 bħala skrivana tal-kunsill u l-ħinijiet tax-xogħol huma mit-7.45 am sal-5.00pm b'siegħa *break* għal ħin tax-xitwa. Għax-xahar ta'Awissu il-ħinijiet huma mit-8.00am sa 1.15 pm mingħajr break.
Mix-xahar ta'Ottubru il-quddiem ser tibda tidħol għax-xogħol is-Sibtijiet mit-8.30am sal-11.30am skond ir-riforma tal-kunsilli lokali. Dan jigi mħallas bir-rata ta'overtime jew time in lieu. F'ċert kazi eċċezzjonali tista'

tigi mitluba tattendi għal xi attivitajiet fil-lokalita'fuq xogħol bl-istess rata ta'overtime.
Hija qiegħda fuq probation għal sitt xhur, u meta il-kunsill jerġa'jikkonsidra il-pożizzjoni tagħha, jekk ikun sodisfatt isir il-kuntratt tax-xogħol. Il-Kunsill jikkonferma dan.

Is-Sindku qal li ser jibdew il-proċeduri sabiex joħorġu applikazzjonijiet għall-post vacant ta' Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill.

## 8. Performance Bonus

Is-Sur Jason Cutajar li spiċċa mil-kariga ta'skrivan fl-aħħar ta'Awissu, kien għad għandu jieħu performance bonus u xi ġranet tal-leave li kien għadu ma ttehidx, peress li kien hawn pressjoni ta'xogħol u ried jagħti *handover* lil ta'warajh. Il-Kunsill qabel li għandu jingħata il- *performance bonus* kollu u jitħallas tal-ġranet tal-leave li huwa ma kienx ħa.

## 9. Kuntratt tal- Club house

*Club House*: L-iskrittura privata tal-*Club House* ġiet aċċettata kemm mid-dipartiment tad-djar kif ukoll mid-dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Għalhekk dan il ftehim jista' jiġi ffirmat bejn il-partijiet ikkonċernati u qabel ma jsir appuntament mad-dipartiment tad-djar għal iffirmar, għanda tintbagħat kopja tal-kuntratt min qabel lil Mtarfa *Football Club* u lin-*Nursery FC.*

Devoluzzjoni : L-Agent Segretarju Ezekutiv qal li saret talba formali sabiex l-arlogg ta' l-Mtarfa jgħaddi f'idejn il-Kunsill. Huwa qal li l-proċess miexi il-quddiem. Id-dipartiment tal-Kunsilli Lokali għandu jinforma lil Kunsill b'dan aktar il-quddiem. Is-Sindku ssugerixxa sabiex isir kuntatt ma l-Hon. Jason Azzopardi, sabiex dan il-proċess jitħaffef.

## 10. Aġġornamenti

1 Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono qal li ser isiru *Aerobic Classes* u l-Kunsill ~~għandu jitlob~~ tlett kwotazzjonijiet għall-għalliema.
2 Huwa qal li ser tigi organiżżata ġurnata sportiva għar-residenti ta'l-Mtarfa ~~u ħbieb tagħhom~~. RFE: Kunsill Malti għall-Isports
3 Huwa tkellem ukoll dwar attivita'sportiva fl-iskola primarja.
4 Il-Sindku qal li ser issir *bus shelter* viċin il-*bus stop* u jiġi faċċata tal-Kunsill mingħajr il-bżonn tal-permess mill-MEPA. Il-Kunsill qabel.
5 Ħmieg tal-klieb: il-Kunsill ser jinforma lir-residenti li ser tiġi infurzata il-liġi f'dan ir-rigward u qabel li jixtri bins għal dan l-iskop.
6. Viċi Sindku qal li ġabu quotations għall-armar tal-[illegible], u jekk dan ikun għoli, ser jinħadem mill-ħaddiema tal-Kunsill.

6 Il-Kunsill qabel li jintroduċi CCTV *cameras* fejn l-iskola. Għanda tinkiteb ittra lis-Sur Rafel Carabott, il-kumitat konġunt ta'Birkirkara jekk huwiex vijabbli li din issir.

7 Is-Sindku qal li l-funtana li tinsab fiċ-ċentru ċiviku ser titneħħa. Għanda issir sejħa għal offerti għal dan il-għan, biex il-pjazza tkun tisa tintuża ghall-attivitajiet tal-Kunsill.

## 11. Għeluq il-Laqgħa

Sar qbil li l-laqgħa li jmiss għanda issir il-Ħamis 24 ta' Settembru fi 8.00pm.

Għanda issir laqgħa oħra t-Tlieta 22 ta'Settembru fis-8.30pm għal dawk li sottomettew it-*tender* tas-*soft areas.*

Anthony Mifsud
Sindku

Hector Cassola
A/Segretarju Eżekuttiv

17 ta' Settembru 2009

## August Schedule of Payment

| | Date of invoice | Invoice No. | Supplier/Contractor | Details | Cheque No. | Amount | Total | Remarks |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 28/08/2009 | | Anthony Mifsud | Honorarium - August 2009 | 4240 | | € 499.98 | |
| 2 | 28/08/2009 | | Jason Cutajar | August-Monthly Salary | 4243 | | € 772.37 | |
| 3 | 28/08/2009 | | Hector Cassola | August-Monthly Salary | 4242 | | € 1,178.24 | |
| 4 | 28/08/2009 | | Angie Nastri | August-Monthly Salary | 4244 | | € 201.85 | |
| 5 | 28/08/2009 | | Petty Cash | August | 4237 | | € 86.45 | |
| ~~6~~ | ~~28/08/2009~~ | | ~~Enemalta Corporation~~ | ~~Fees for Light Installation~~ | ~~4248~~ | | ~~€ 300.00~~ | Cancelled |
| 7 | 28/08/2009 | | Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali | Laqgha ghall-Kunsillieri | 4245 | | € 160.00 | |
| 8 | | | | Cancelled Cheque | 4246 | | | |
| 9 | 28/08/2009 | | CIR | FSS & NIS for August | 4241 | | € 543.31 | |
| 10 | 28/08/2009 | | Jason Cutajar | Government Bonuses | 4247 | | € 341.97 | |
| 11 | 25/06/2009 | | Anthony Mifsud | Honorarium - July 2009 | 4203 | | € 499.98 | |
| 12 | 25/06/2009 | | Jason Cutajar | Monthly salary - July 2009 | 4204 | | € 787.38 | |
| 13 | 25/06/2009 | | Hector Cassola | Monthly salary - July 2009 | 4205 | | € 1,274.70 | |
| 14 | 25/06/2009 | | Commissioner of Inland Revenue | FS5 + Ni for the month of June | 4206 | | € 431.08 | |
| 15 | 25/06/2009 | | MEPA | 2 maps of the Boundaries of Mtarfa | 4207 | | € 24.90 | |
| 16 | 06/08/2009 | | Petty Cash | Petty Cash | 4233 | | € 66.79 | |
| 17 | 04/08/2009 | | GO plc | Rental charge 01/08/09-31/08/09 Call Charge01/07/09-31/07/09 | 4234 | | € 280.17 | |
| 18 | 23/07/2009 | 11132272-4 | Water Services Corporation | Water Bill - 29 Jan 09 - 18 May 09 | 4235 | | € 38.83 | |
| 19 | 18/08/2009 | | Nature Trust (Malta) | FEE Malta EkoSkola programme | 4236 | | € 12.00 | |
| 20 | 28/08/2009 | 2191 | Alfred Schembri & Sons Ltd | Road Resurfacing works | | | € 4,577.26 | suspended |
| 21 | 27/08/2009 | HA 163/97 | Housing Authority | Rent | | | € 232.94 | |
| 22 | 25/08/2009 | bk9/19 | Paul Auto dealer | Europoer Ep3900DX | | | € 372.70 | |
| 23 | 31/07/2009 | MTA-200901 | Northern Cleaning | Re-cycling waste collection - July 2009 | | € 2,327.83 | € 2,327.83 | do not pay |
| 24 | 31/07/2009 | MTA-200902 | Northern Cleaning | Re-cycling waste collection - February 2009 | | € 338.44 | | |
| 25 | 31/07/2009 | MTA-200903 | Northern Cleaning | Re-cycling waste collection - March 2009 | | € 413.20 | | |
| 26 | 31/07/2009 | MTA-200904 | Northern Cleaning | Re-cycling waste collection - April 2009 | | € 170.22 | | |
| 27 | 31/07/2009 | MTA-200905 | Northern Cleaning | Re-cycling waste collection - May 2009 | | € 255.33 | | |
| 28 | 31/07/2009 | MTA-200906 | Northern Cleaning | Re-cycling waste collection - June 2009 | | € 340.44 | € 1,854.95 | |
| 29 | 26/08/2009 | 138588 | Complete Supplies Ltd | 10 A4 photocopy paper | | | € 27.49 | |
| 30 | 21/08/2009 | R3613 | Housing Authority | Rent -Offices 1-5 Mtarfa Town Centre, Blk C Mtarfa from 15/09/2009 to 14/09/2010 | | | € 2,795.25 | |
| 31 | 23/07/2009 | 137384 | Complete Supplies Ltd | 2 Sharp Toner for Copier | | | € 143.90 | |
| 32 | 22/07/2009 | I009419 | I.V. Portelli & Sons Ltd | Castrol Oil 1ltr, groundsman chain oil 5 ltrs | | | € 72.41 | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 33 | 25/07/2009 | RM26209A | Robert Musumeci | ADT application dated 30/4/09, includes onsite surveyand draughtsman fees - Alterations to pavement Triq l-Orkideja | | € 236.00 | | |
| 34 | 25/07/2009 | RM37609A | Robert Musumeci | ADT application dated 30/4/09, includes onsite surveyand draughtsman fees -Zebra Cross Triq San David | | € 236.00 | | |
| 35 | 25/07/2009 | RM26309A | Robert Musumeci | ADT application dated 30/4/09, includes onsite surveyand draughtsman fees- Alterations to pavement Triq il-Pepprin | | € 236.00 | €867.91 | CH 4275 |
| 36 | 14/08/2009 | RM01309C | Robert Musumeci | | | € 159.91 | | |
| ~~37~~ | ~~14/08/2009~~ | ~~RM37609B~~ | ~~Robert Musumeci~~ | | | ~~€ 236.00~~ | ~~€ 1,103.91~~ | |
| 38 | 31/12/2008 | 28/6 | Northern Cleaning Co-op Ltd | Servizz ta' Gbir Ta' Skart Riciklat minn gimgha numru 27-28 | | € 353.40 | | NOT to Be Paid |
| 39 | 31/12/2008 | 31/6 | Northern Cleaning Co-op Ltd | Servizz ta' Gbir Ta' Skart Riciklat minn gimgha numru 29-31 | | € 176.46 | | |
| 40 | 31/12/2008 | 35/12 | Northern Cleaning Co-op Ltd | Servizz ta' Gbir Ta' Skart Riciklat minn gimgha numru 32-35 | | € 352.90 | | |
| 41 | 31/12/2008 | 40/12 | Northern Cleaning Co-op Ltd | Servizz ta' Gbir Ta' Skart Riciklat minn gimgha numru 36-40 | | € 441.13 | | |
| 42 | 31/12/2008 | 44/12 | Northern Cleaning Co-op Ltd | Servizz ta' Gbir Ta' Skart Riciklat minn gimgha numru 41-44 | | € 441.13 | € 1,765.02 | |
| 43 | 15/07/2009 | 2015 | Data Protection Commissioner | Data Protection Act 15 July 2009 - 15 July 2010 | | | € 23.29 | |
| 44 | 21/07/2009 | 4065 | Printit | 7100 Mtarfa Local Council drama Flyers A3 | | | € 241.50 | |
| 45 | 28/07/2009 | 1575 | B. Grima & Sons Ltd | 2 Clean after your dog, brackets, bolts and nuts and poles | | € 81.19 | | |
| 46 | 28/07/2009 | 1610 | B. Grima & Sons Ltd | 2 No Stopping, poles, brackets and arrows | | € 96.65 | | |
| 47 | 28/07/2009 | 1616 | B. Grima & Sons Ltd | 2, No entry signs and 6 brackets | | € 46.19 | € 224.03 | |
| 48 | 25/07/2009 | 95888 | Attard Bluemix Concrete Supplies Co. Ltd | 2 concrete c20 +10mm | | | € 120.71 | |
| 49 | 31/07/2009 | 1550 | Charlie & Joseph Gauci | Xoghol ta' soft areas - lulju 09, qlugh ta' sigra kbira fil-kulleg San Nikola subien | | | € 1,443.95 | |
| 50 | 30/07/2009 | 1481 | Abakus solutions | Maintenance Agreement 2009 (expires 24/7/2010) | | | € 295.00 | |
| 51 | 30/07/2009 | 216 | Dolceria Appettiosa | Plastic soft drinks, beer, water, ice | | | € 716.30 | |
| 52 | 06/08/2009 | | Carmelo Vella | Bulky Refuse July 2009-51 households | | | € 267.24 | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 53 | 31/07/2009 | 31892 | G4S Security Services Ltd | CIT services for the month of July 09 | | | € 37.82 | |
| 54 | 31/07/2009 | SS3995 | The Guard & Warden Service House Ltd | 2 + 2 wardens - 40 hrs | | | € 316.80 | |
| 55 | 12/08/2009 | 36154 | Central Asphalt Ltd | 27 Concrete slabs 42"x11.5"x3.5" | | | € 356.51 | |
| 56 | 30/07/2009 | 30059100 | Alberta | Service for 3 fire extinguishers | | | € 59.66 | |
| 57 | 23/07/2009 | 11132071-4 | ~~Water Services Corporation~~ | ~~Electricty 28 Jan - 18 May 2009~~ | | | ~~€ 8,979.64~~ | NO PAY |
| 58 | 14/08/2009 | 50818 | WasteServ Malta Ltd | Hire of Bins - July 2009 | | | € 296.59 | |
| 59 | 21/08/2009 | | Angelo Store | various goods & food | | | € 190.70 | |
| 60 | 01/07/2009 | | M.C. Gatt | Service bill for the month of July 09 | | € 995.79 | | |
| 61 | 01/07/2009 | | M.C. Gatt | Extra street sweeping of July 09 | | € 90.00 | | |
| 62 | 01/07/2009 | | M.C. Gatt | 3 vjaggi ta' garr ta' hamrija | | € 111.81 | € 1,197.60 | |
| 63 | 20/08/2009 | | Mifsud & Mifsud Advocates | Retainer August 2009 | | | € 118.00 | |
| 64 | 31/07/2009 | mta 200901 | ~~Northern cleaners~~ | ~~Re cycling~~ | | | ~~€ 337.32~~ | NO PAY |
| | | | | | | | | |

**Total** **€ 37,996.32**

€ 22.870.22

H.